# WIRT IŻ-ŻEJTUN

Ħarga No. 53 - Biex Inżommuk Infurmat
Ġunju 2024

WIRT IŻ-ŻEJTUN

## Editorjal -IL-VILLA RUMANA

Wirt iż-Żejtun ilha għal dawn l-aħħar tnax-il sena taħdem sabiex tqanqal aktar interess u apprezzament fis-sit tal-Villa Rumana li jinsab fl-iskola sekondarja taż-Żejtun, dik li kienet magħrufa bħala l-Iskola Carlo Diacono (ara artiklu separat f'din il-ħarġa). Għal dawn l-aħħar snin ukoll ħadmet sabiex dan is-sit jiġi mmaniġjat aħjar, saħansitra offriet li tibda tieħu ħsiebu l-għaqda stess.

Din il-ħidma kienet qed tħalli l-frott, tant li ħames snin ilu, is-sit tal-Villa Rumana spiċċa saħansitra fil-programm elettorali tal-Kunsill Lokali, tant li kien issemma' li dan jeħtieġ jiġi "irrestawat" u jifforma parti minn heritage trail. Għalkemm matul din il-leġislatura l-Kunsill Lokali ħadem ħafna fil-qasam tal-wirt kulturali u sar xogħol ta' restawr siwi, u għalkemm l-istess Kunsill Lokali uża wkoll il-pressjoni sabiex is-sit tal-Villa Rumana ma jibqax fl-istat li hu, għaddew ħames snin u fis-sit tal-Villa Rumana ma sar xejn. Mhux ta' b'xejn li fil-programm elettorali tal-elezzjoni tal-Kunsill Lokali li għadha kemm saret, il-Villa Rumana ma tissemma' mkien!

Aħna wkoll kellna tamiet kbar li jsir xi ħaġa matul ix-xhur u s-snin li għaddew. Kellna saħansitra l-approvazzjoni tal-ex Ministru tal-Edukazzjoni, is-Sur Evarist Bartolo, li kien ta direzzjoni ċara lit-tmexxija tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni sabiex ma jostakolaw bl-ebda mod kull talba li ssir sabiex dan is-sit jgħaddi f'idejn Wirt iż-Żejtun. Saħansitra, meta kien qed jiġi ppjanat it-tkabbir u l-iżvilupp tal-istess skola, ftit xhur wara din l-istess laqgħa, saru anke pjanti li juru li s-sit tal-Villa Rumana kellu fiżikament jiġi separat mill-iskola.

Mela x'ġara biex waqaf kollox? Inbidlet it-tmexxija u nbidlet id-direzzjoni. Mhux biss. L-istess tmexxija tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, issa jridu jibnu fuq il-fdalijiet arkeoloġiċi tal-Villa Rumana, u din tibqa' biss aċċessibbli mill-kantina tal-bini li jridu jibnu. Qed jgħidu li l-iskola għandha bżonn titkabbar aktar u m'hemmx fejn!

Ir-risposta tagħna hija waħda ċara. Dan huwa sit arkeoloġiku skedat fl-ogħla protezzjoni, dik ta' Klassi A u li dak li jixtiequ dawn l-uffiċċjali ma jistax isir. Mhux biss hekk. Dan huwa sit ta' importanza kbira għall-istorja ta' Beltna, u l-għaqda tagħna għandha dmir li tagħmel dak kollu possibbli sabiex dan il-wirt jitħares.

Sadanittant, dan is-sit huwa mimli ħaxix selvaġġ, b'riskju li jieħu n-nar u ssir ħsara rreparabbli lil dawn il-fdalijiet. Dan ifisser ukoll li n-nuqqas ta' manutenzjoni qed twassal li dawn il-fdalijiet mhux jiġu kkonservati kif suppost.

Issa la nitilfu kollox noqogħdu nibku!

## Mixja fil-Kampanja 2024

Nhar il-Ħadd 14 t'April organizzajna l-mixja ta' kull sena fil-kampanja madwar jew qrib taż-Żejtun. Din is-sena l-mixja kienet minn San Klement sad-Dar tas-Soru, fl-inħawi ta' San Annard, limit ta' Ħaż-Żabbar u lura. Mixja ta' kważi 10km, tliet siegħat ta' mixi f'ambjent miftuħ, f'pajsaġġ mimli storja.



# Fin-nofs jew fit-tarf?

Illum il-kappella ta' San Girgor fiż- Żejtun, jew aħjar, il- kappella antika ta' Santa Katerina, hija maqtugħa mir-raħal prinċipali. Anke llum il-kappella tinsab waħedha pero miżmuma tajjeb u tieħu sehem attiv u regolari fil-ħajja reliġjuża taż-Żwieten. Għandha żewg cimiterji madwarha fejn il-parti l-kbira taż-Żwieten isibu is-serħan tagħhom għal dejjem.

Għalfejn iżda jekk kienet il-kappella tal-paroċċa kienet mibnija fejn hi? Mhux f'nofs Bisqallin jew Ħal Ġwann jew Ħal Bisbut? Fil-fatt dawn l-irħula ż-żgħar kellhom diversi kappelli u saħansitra waħda minnhom, dik tal-Assunzjoni ta' Santa Maria kienet iżżomm is-sagrament tal-kappella parrokkjali għal snin twal matul il- sittax u sbatax il-seklu. Din fil- fatt kien ipproponiha l-ewwel Inkwiżitur Appostoliku Patri Pietro Dusina meta kien mibgħut mill-Papa fil-1575 għall-viżita pastorali tiegħu fil-parrocci Maltin. Dan il-prelat malajr induna li l-kappella ta' Santa Katerina kienet qegħda f'post diżabitat ħafna, miftuħ beraħ għall-attakki tal-furbani, u bata' kemm il-darba taħt il-qilla tal-Ottomani. L-ikbar tnejn probabli kienu l-Assedju tal-1565 u wara, l-Attakk tal-1614. Ir- raguni primarja kienet li l-kappella ta' Santa Katerina kellha port kbir ta' Marsaxlokk li kien komdu ħafna biex jirmiggjaw u jinżlu armati ta' nies.

U din probabli kienet ir-raguni għalfejn il-kappella ta' Santa Katerina kienet fil-post li kienet. Il- parroċċa ta' Santa Katerina kienet testendi minn Marsaxlokk u Birżebbuga għal lvant, Ħal Għaxaq għal punent, u tasal sa taħt is-swar ta' Bormla. Meta tqis dan il-kobor ta' art, Il-kappella kienet tinsab kważi fl-epiċentru, fejn kienet tħaffef il-ħajja tal-qassis biex jaqdi u jamministra s-sagramenti fl-erbgħa irjieħ tal-parroċċa tiegħu. Fejn il-quddiem, meta l- parroċċa ta' Santa Katerina bdiet tinqasam f'parroċċi oħrajn u inqatgħu miż-Żejtun, il-kappella ta' San Girgor sabet ruħha waħedha, barra r-raħal, u għalkemm kellha ħitan ħoxnin, u kważi fortifikata, xorta waħda kienet milgħuba ħafna drabi taħt l-attakki tal-għadu.

# Il-Villa Rumana – X'għamlet Wirt iż-Żejtun?

Wirt iż-Żejtun ilha sa mill-2012 titkellem dwar il-Villa Rumana li għandna fiż-Żejtun. Dawn huma uħud fost numru ta' inizjattivi li ħadet matul dawn is-snin:

- 2012 - Simpożju dwar il-Villa Rumana bis-sehem ta' diversi esperti; pubblikazzjoni dwar il-Villa Rumana; wirja dwar il-Villa Rumana; żjara fis-sit tal-Villa Rumana u ħloqna dokumnetarju fuq CD dwar il-Villa Rumana.
- 2013 - Deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Eżekuttiv sabiex Wirt iż-Żejtun titlob il-guardianship tal-Villa Rumana. Dwar dan iltqajna mal-entitajiet ikkonċernati, fosthom il-Ministru responsabbli mill-Kultura. Fassalna pjan ta' immaniġjar sabiex jiġi ppreżentat lis-Soprintendenza u lill-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex nkunu nistgħu nħejju l-bidu għal dan il-proċess twil u impenjattiv.
- 2014 - Għalkemm matul l-2014 ma tantx ħdimna fuq il-proġett tal-guardianship tal-Villa Rumana, hu xorta baqa' fuq moħħna u fejn kellna l-opportunità, wassalna l-ħsibijiet tagħna rigward il-villa lill-entitajiet ikkonċernati sabiex nuru li l-interess tagħna f'dan il-proġett għadu ħaj.
- 2017 - Waqt Żejt iż-Żejtun, permezz ta' proġezzjoni ta' vidjow dwar il-Villa Rumana fiż-Żejtun, wassalna għarfien dwar dan is-sit importanti fiż-Żejtun.
- 2018 - Kellna laqgħa mal-Ministru Evarist Bartolo u l-Prinċipal tal-Kulleġġ San Tumas More rigward il-Villa Rumana sabiex naraw x'nistgħu nagħmlu biex nipproteġuha u fl-istess ħin nagħmluha aċċessibbli għall-pubbliku. Il-Ministru ta direzzjoni ċara li x-xewqat ta' Wirt iż-Żejtun għandhom jitwettqu.
- 2019 - Kellna laqgħa mal-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, Dr. Owen Bonnici, mas-Soprintendenza għall-Wirt Kulturali u mal-Kap tal-Iskola Sekondarja San Tumas More rigward il-Villa Rumana li tinsab fl-istess skola sabiex naraw x'inhu l-pass li jmiss. Inbeda l-proċess sabiex hekk kif stipulat permezz tal-liġi għall-Wirt Kulturali, dan is-sit jgħaddi taħt il-kustodja ta' Heritage Malta, biex wara jkun jista' jsir management agreement ma' Wirt iż-Żejtun biex inkunu nistgħu nibdew noperawh u nieħdu ħsiebu aħna b'kollaborazzjoni ma' Heritage Malta. Saru wkoll laqgħat mal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada sabiex waqt ix-xogħol pjanat fl-iskola sekondarja, jiddawwar fence madwar is-sit u jinfetaħ aċċess għas-sit, separat mill-iskola.
- 2020 - Bl-għajnuna tal-proġett LEADER fi ħdan il-Gal Xlokk, id-Dipartiment tal-Arkeoloija u l-Klassiċi tal-Universita' ta' Malta u Heritage Malta, wettaqna proġett relatat mal-Villa Rumana - vidjow b'animazzjoni u mudell 3D b'interpretazzjoni tal-Villa Rumana fiż-Żejtun.
- 2021 - Komplejna nagħmlu pressjoni sabiex il-proċess għall-immaniġjar tal-Villa Rumana jiġi konkluż. Gie mniedi l-mudell diġitali u l-vidjow dwar il-Villa Rumana. Ħloqna sit elettroniku dwar il-Villa Rumana taż-Żejtun.
- 2022 - Baqa' ma sar ebda progress mill-awtoritajiet dwar il-Villa Rumana.Sadanittant kien hemm bidla fit-tmexxija tal-Iskola Sekondarja u għalhekk iltqajna mas-Surmast il-ġdid u tkellimna dwar dan is-sit.
- 2023 - Rigward l-immaniġjar tal-Villa Rumana fiż-Żejtun, sfortunatament ġejna nfurmati li l-Ministeru tal-Edukazzjoni għandu l-pjanijiet li jibni fuq il-fdalijiet tal-Villa Rumana. Għaldaqstant kibret il ħtieġa li nagħmlu pressjoni sabiex il-Villa taqa' f'idejn Heritage Malta.
- 2024 - Bdejna kampanja informattiva dwar il-Villa Rumana u żidna l-pressjoni sabiex wara tnax-il sena ta' ħidma ma taqta' xejn biex dan is-sit skedat fl-ogħla livell ta' protezzjoni jiġi mħares minn kull żvillupp, dan jgħaddi f'idejn Heritage Malta illum qabel għada.



Għal aktar tagħrif idħol dwar il-Villa Rumana: www.thezejtunromanvilla.com

# GĦAMLULNA ĠIEĦ – Is-sitt ktieb mis-sensila



Is-sitt ktieb mis-sensiela Għamlulna Ġieħ se jkun qed joħroġ fil-ġimgħat li ġejjin. Dan il-ktieb, irriċerkat minn Dr. Anton Bugeja, se jkun dwar Dun Ġwann Farrugia u ta' madwaru. Dun Ġwann Farrugia, magħruf bħala "ta' Ġelandrin", flimkien ma' numru ta' ħbieb, fosthom Loreto Gravino u Publius Farrugia, taw kontribut siwi ħafna lill-arkeoloġija Maltija. B'ħidmiethom, għamlu ġieħ lil Beltna.

F'dan il-ktieb, l-awtur mhux biss jiġbor noti biografiċi dwar dawn il-persuni, iżda wkoll jidħoll f'dettall dwar dak kollu li għamlu, l-għarfien u l-informazzjoni li ħallew warajhom.

## Tibdil fil-Pjan Lokali ta' Buleben

Wirt iż-Żejtun segwiet id-dikjarazzjoni li għamel il-Prim Ministru fil-jiem li għaddew dwar iż-żona agrikola ta' Buleben u r-referenza għall-kampanja li konna għamilna sitt snin ilu sabiex insalvaw din iż-żona minn żvilupp industrijali. Nirrikonoxxu l-fatt li l-Prim Ministru stqarr li se jkun qed jara li l-Pjan Lokali jiġi rivedut sabiex din iż-żona tibqa' żona agrikola, hekk kif kien ġie mwiegħed mill-Gvern sitt snin ilu. Nistennew b'ħeġġa sabiex fil-jiem li ġejjin insegwu l-istruzzjoni mill-Gvern lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex tiskatta dan il-proċess u nħarsu b'ħerqa li dan ir-raba' jkun salvat minn żvilupp darba għal dejjem, u b'hekk iż-Żwieten u l-komunitajiet tal-madwar ikomplu jgawdu dan l-ispazju miftuħ.



## Aktar Xogħol ta' Restawr

AF'nofs April inbeda x-xogħol ta' restawr fuq l-istatwa tal-ġebel ta' Santa Ewfemja li hemm fuq in-naħa tal-lemin tal-artal maġġur fil-parroċċa l-qadima ta' Santa Katarina. Din hija l-ewwel miż-żewġ statwi li se jkunu qed jiġu rrestawrati. Ix-xogħol fuq l-istatwa ta' Santa Katarina se jibda la titlesta l-ewwel statwa. Waqt l-ewwel ħidma li saret mill-konservaturi, bdiet tinkixef il-polikromija (il-kulur) oriġinali tal-istatwa.

Dan ix-xogħol qiegħed isir mill-konservaturi Ingrid Ross u James Licari, bix-xogħol iffinanzjat mill-Bank Ċentrali ta' Malta.



# The celebration of the Feast of St Catherine in former times

Up till the beginning of the 1960s, the feast of St. Catherine was celebrated on the liturgical day dedicated to the saint, that is the 25th November. The statue of the saint used to be taken out of its niche inside the parish church a week before the actual feast day and this was done without any specific ceremony.

The celebrations used to begin with the Triduum, which is a 3-day period of prayer preceding a Roman Catholic feast. The Triduum was very popular with the people of Zejtun and was celebrated with much solemnity. The church used to be packed with people, who would come to listen to the sermons usually delivered by a famous preacher of the period.



On the eve of the actual feast day, that is the 24th November, there was a special Mass in the morning during which the Te Deum (a hymn of praise to God) was sung. In the evening the holy relic would then be moved to the main altar for veneration by the people. The members of the Confraternity of the Holy Sacrament, priests from Zejtun and a good number of parish priests from other parishes used to take part in this ceremony. These celebrations on the eve of and on the actual feast day were usually led by a bishop or monsignor wearing the mitre. The church music was always by Maestro Carlo Diacono (a resident of Zejtun) and the conductor used to be Diacono's son, Frank. On the 25th November, the actual feast day, the celebrations started off with the singing of Matins with the participation of St. Catherine's Orchestra (tal-Laċċi). The most important event was the Mass celebrated on this day. The panegyric (a special sermon in praise of the saint) used to be delivered from the main pulpit, by a preacher famous at that time, as is still done today. If the Mass was being celebrated by a Bishop, it was common practice to set up a throne for the celebrant to sit on during the Mass.

The outdoor feast, that is all other celebrations not taking place within the church, used to be a rather muted affair. This was due to the fact that for the people of Zejtun at the time, the religious celebrations (those carried out inside the church) were of greater importance. Another reason was that since the feast always fell in November, it was practically winter and rain was very much possible, so much so that the outdoor decorations set up for the feast were nothing special, when compared to today. These outdoor decorations were only set up in the main square, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill and Triq Santa Katerina, two streets leading off the main square. At the top of Triq Santa Katerina facing the church, a huge arch made by Pawlu Fenech of Lija, used to be set up. The outdoor feast used to start on the last day of the Triduum, that is the 23rd November, with a band march by one of the village bands. The next day, at around 8.00am, there used to be the Te Deum band march by the Beland Band, a very popular event at the time. All the banners that the band club owned used to be carried during this march. In the evening, both band clubs used to present a musical programme in the village square. The St. Catherine Orchestra (tal-Laċċi) often used to take part in these musical programmes.Ground fireworks used to be let off in the area behind the parish church towards 11pm.

On the actual feast day, at around 1pm, the Żejtun Band used to hold its band march through the streets of the village. Again, this was a very popular event and enthusiasm used to reach a peak when the march passed in front of the Beland Band club premises, their rivals. The procession with the statue of St. Catherine started at 4.30pm and was back inside the church usually by 8.00pm. Various times the procession had to be cancelled due to bad weather. At other times the statue would be caught in a downpour. The appearance of the statue on the threshold of the church would be met with a lot of applause and shouting and huge amounts of coloured paper strips would be thrown on the crowd from the roofs of both the church and the Beland Band club. In the evening, three band clubs from other villages would be invited to come play, one band club invited by the Church and the other two by the two main band clubs. When the statue reached the main square on its way back to church, and specifically when it stopped next to the large Crucifix in the main square, a huge amount of fireworks would be set off from the roof of the Żejtun Band club premises. Just before the end of the procession, when the statue was on the parvis facing the church main door, another huge amount of petards would be fired together at considerable height creating a display of colourful fire designs, as well as a lot of noise, from the roof of the Beland Band club premises, directly in front of the church. After the final Benediction inside the church, more fireworks would be let off marking the end of the festivities for that year.

# Lejliet San Girgor

Din is-sena kienet l-għaxar sena li Wirt iż-Żejtun organizzat l-attivita ta' Lejliet San Girgor. Fil-fatt għaxar snin ilu kellna magħna lill-President tar-Repubblika ta' dak iż-żmien, l-E.T. il-President Emeritu Marie Louise Coleiro Preca, li taħt il-patroċinju tagħha ġie inawgurat ix-xogħol ta' restawr li l-għaqda kienet għamlet fuq l-istatwa ta' San Girgor li hemm fil-wesgħa quddiem il-knisja.



Din is-sena wkoll, bħal ma sar is-sena l-oħra, Wirt iż-Żejtun organizzat din l-attivita' flimkien mad-Direttorat tal-Kultura, fejn l-istess Direttorat qiegħed jimpenja ruħu bis-sħiħ sabiex jerġa' jagħti l-ħajja lil din il-festa tradizzjonali, li fl-antik kienet meqjusa bħala waħda mill-festi ewlenin fuq livell nazzjonali. Permezz ta' din il-kollaborazzjoni, din is-sena kellna magħna lil KorMalta li esegwixxa programm ta' mużika A Cappella f'din il-knisja mill-isbaħ, ġawhra arkitettonika u monument nazzjonali. Dan il-programm kien taħt it-tmmexxija tas-surmast direttur Taljan, Ricardo Bianchi, taħt il-koordinazzjoni tal-kompożitur Karl Fiorini. Is-serata tmexxiet minn Glenn Chircop. Sar ukoll intervent qasir mill-Perit Ruben Abela dwar il-Knisja Parrokkjali l-Qadima fejn ħabbar li f'Novembru li ġej, Wirt iż-Żejtun se torganizza s-simpożju biennali tagħha bit-tema tkun il-Knisja Parrokkjali l-Qadima.

## L-Ismijiet tad-djar fiż-Żejtun: Analiżi Soċjoloġika



Id-dar, villa, razzett, garaxx jew appartament li toqgħod fih: għandu isem? L-isem ta' dar hija għażla personali: deċiżjoni ta' min jibniha, jixtriha jew joqgħod fiha. Imma xorta toffri tieqa għal analiżi ta' żviluppi soċjali u ekonomiċi riċenti f'pajjiżna, u b'mod partikulari fiż-Żejtun.

Din kienet it-tema ta' taħdita li saret fid-19 ta' Mejju fil-kappella tas-Salvatur. It-taħdita kienet imsejsa fuq studju li sar minn studenti tas-Soċjoloġija tal-Universita' ta' Malta f'10 lokalitajiet f'Malta fl-2022. Il-kelliem ewlieni kien il-Professur tas-Soċjoloġija, Godfrey Baldacchino flimkien ma' Gabrielle Spiteri, mgħejjuna minn James Baldacchino u Maria Schembri. Wara t-taħdita kien hemm mistoqsijiet u diskussjoni fost dawk preżenti.

## Preżentazzjoni lil Kunsill Lokali

Wirt iż-Żejtun, flimkien ma' l-awtur, is-Sur Vincent Zammit, u l-fotografu u diżinjatur tal-ktieb, is-Sur Daniel Cilia, ippreżentajna l-ktieb "Iż-Żejtun Citta' Beland: Our Heritage – Our Place – Our Life", lis-Sindku is-Sa Maria Dolores Abela, f'isem il-Kunsill Lokali taż-Żejtun.

